MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 1038/2003

**Dr. Philip Manduca bhala mandatarju specjali ta’ Ute Hung**

**vs**

**Paul Magri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta’ Ottubru 2003 fejn espona:-

Illi dan l-ahhar il-konvenut ghamel xi xoghol ta' instalazzjoni ta’ *drains* u xoghol iehor in konnessjoni mal-hitan li jisseparaw id-djar rispettivi tal-partijiet u in konnessjoni ma' pajpijiet u *drains* fil-fond tal-konvenut.

Illi x-xogholijiet tad-*drains* gew imdahla fil-hajt tal-appogg tant li huma mrikkbin iktar minn nofs il-wisa' tal-hajt tal-appogg.

Illi kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness (Dok A) dawn ix-xoghlijiet ma sarux skont is-sengha, huma kontra l-ligi u ikkagunaw hsara lill-attrici.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jaghmel ix-xoghol kif suppost kif ukoll sabiex jersaq ghal likwidazzjoni tad-danni izda baqa' inadempjenti u ma ghamel xejn.

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara li x-xoghlijiet tad-*drains* gew imdahla fil-hajt tal-appogg huma mrikkbin iktar minn nofs il-wisa' tal-hajt tal-appogg u allura huma fil-proprjeta` tal-attrici u dan b'vjolazzjoni tal-ligi

2. Tiddikjara li x-xoghlijiet li saru fil-hajt divizorju mill-konvenut u x-xoghlijiet li ghamel il-konvenut li kkagunaw danni lill-attrici ma sarux skont is-sengha u huma kontra l-ligi.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghmel ix-xoghol skont is-sengha u fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici li taghmel ix-xoghol hi taht supervizjoni tal-perit li jigi nominat mill-qorti.

4. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas ghad-danni li ikkaguna fil-fond tal-attrici.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati 9 ta' Lulju 2003, 8 ta' April 2003, 3 ta' April 2003. Il-konvenut huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Paul Magri datata 21 ta’ Novembru 2003 (fol 11A) fejn espona: -

1. Illi preliminarjament l-attur irid jipprova illi huwa ghandu prokura tal-assenti Ute Hung sabiex jipprezenta dawn il-proceduri.

2. Illi preliminarjament ukoll l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris*.

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, mhuwiex minnu illi x-xoghlijiet in kwistjoni saru mhux skont is-sengha u l-arti. *In oltre* l-esponent kien ha l-izbriga illi jressaq il-kanen aktar lejn in-naha tieghu biex zgur ma jkunux jaqbzu l-linja medjana tal-hajt divizorju.

4. Illi l-konvenuti m'ghandhomx x'jirrispondu ghall-ebda danni *stante* illi huma inkarigaw *electrician* kwalifikat u *se mai* ghandu jirrispondi l-*electrician* ghal kwalunkwe xoghol hazin li seta’ sar.

5. Illi finalment u bla pregudizzju l-konvenut, sabiex jigu evitati dawn il-proceduri u minghajr ammissjoni ta' htija, kien offra li jhallas ghall-hsara fil-madum tal-attrici (*vide* Dok PS 1) u kienet hi li m'accettatx u ghalhekk m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-4 ta’ Marzu 2004 (fol 17) fejn Dr. P Manduca wera lill-Qorti u lill-avukat tal-konvenut prokura datata 2 ta’ Ottubru 2003 illi esebixxa kopja awtentika taghha. Fid-dawl tal-imsemmi dokument il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu. Dr. David Camilleri b’referenza ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenut irriserva illi jirregola ruhu dwarha izda ma jsibx diffikulta` jekk il-Qorti tghaddi ghal fazi ulterjuri tal-kawza.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar ipprezentat ir-registru fl-10 ta’ Meju 2005 (fol 28).

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ April 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn xehed Paul Magri. Il-Qorti ddikjarat maghluqa l-istadju tal-gbir tal-provi, u fuq talba ta’ Dr. David Camilleri ghall-konvenut, il-Qorti tat l-fakolta` li t-trattazzjoni ssir permezz ta’ noti ta’ sottomissjonijet. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Ottubru 2006.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut datata 12 ta’ Lulju 2006 (fol 60).

Rat in-nota risponsiva tal-attur *nomine* datata 17 ta’ Lulju 2006 (fol 65).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta nkluz dak tal-31 ta’ Ottubru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Frar 2013 mizmuma quddien din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghall-Hamis 13 ta’ Gunju 2013 fid-9:30 a.m. ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

B'din il-kawza, l-attur nomine qed jitlob dikjarazzjoni li xoghlijiet tad-*drains* gew imdahhla fil-hajt tal-appogg u huma imrikkbin iktar minn nofs il-wisgha tal-hajt tal-appogg fil-proprjeta` attrici; kif ukoll sabiex jigu kostatati danni ikkagunati lill-attrici u jsiru x-xoghlijiet rimedjali kawza ta' xoghol li ghamel il-konvenut fil-fond tieghu li jmiss mal-proprjeta` attrici

### RAPPORT TAL-PERIT TEKNIKU U PROVI MIGBURA

Din il-Qorti, kif diversament presjeduta, hatret lill-Perit A.&.C.E. Mario Cassar sabiex jaghmel il-kostatazzjonijiet teknici dwar il-kaz in ezami.

Il-Qorti qrat bir-reqqa r-rapport[1] tal-**Perit Tekniku Mario Cassar** li kien wkoll acceda fuq il-fond.[2]

Il-Perit ikkonkluda li:

a) il-katusa tad-drain fil-fatt rikbet nofs pulzier (1/2") fuq il-linja medjana tal-appogg;

b) ix-xoghlijiet ma sarux skont is-sengha u l-galbu ghax li kieku ma kienux isiru l-hsarat li saru;
c) Il-hsara trid tigi rrangata minnufih sabiex l-attrici tista' tgawdi il-fond taghha;

d) Li l-hsarat saru *da parti* tal-konvenut li ghandu ihallas ghad-danni;

e) Li d-danni jammontaw ghall-Lm55.46

Waqt l-access l-attrici irraportat li kagun tax-xoghlijiet, inkissru il-madum tal-hajt ta' fuq il-bank tal-kcina. Jekk ma

[1] Esebit a fol. 28 tal-process.
[2] Vide rapport tal-access a fol. 31 tal-process.

ssibx madum li jaqbel trid tbiddel il-madum kollu ghall-kejl ta' 13.2 metru kwadu.

**Il-Perit Cassar xehed in eskussjoni**[3] li l-katusa indikata fir-ritratt **2A** tisporgi ghal fuq in-naha tal-attrici b'nofs pulzier. Din il-katusa tidher li hija vertikali u ma setghax ghalhekk jikkonferma jekk hemm *band,* jew taqbad b'T, biex jikkonstata jekk taqbez in-nofs tul id-distanza kollha taghha. Din il-katusa tisbokka fuq in-naha tal-bank tal-kcina tal-attrici u hija murija bi vleggja a fol.34 fir-ritratt **1A.**

**Xehed** il-konvenut **Paul Magri**[4] li qal li xogholu hu ta' bennej. Kien qabbad in-nies biex jahdmu ix-xoghol tad-dawl, ilma, katusi u madum fil-fond tieghu, 20 Kurat Calleja Street, Mosta. Ix-xoghlijiet saru taht is-sorveljanza tal-Perit Colin Zammit. In-nies li qabbad biex jghaddu l-katusi kien *electrician* tas-sengha, Leli Chetcuti u ghall-madum qabbad lill-Leli Borg.  L-electrician kien *licensed electrician*.

Kien offra li jirranga l-hsara biex izomm ir-relazzjonijet ta' *buon vicinanza* imma b'dan ma ammettiex li kellu htija peress li kien l-*electrician* li ghamel il-hsara. Qal ukoll li malli l-attrici qaltlu li l-katusi kienu qabzu n-nofs tal-hajt, gibidhom lejn in-naha tieghu.

**In kontro ezami** [5] il-konvenut xehed li wara li kienet saret il-hsara fuq il-post, "*jew jiena jew haddiema mqabbdin minni jaghmlu tajjeb ghal dik il-hsara."* Ma ftakarx jekk avzax lill-avukat tieghu li kien ghamel ix-xoghol rimedjali qabel ma bdiet il-kawza.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

**1) Eccezzjoni ta' Inkompetenza *Rationae Valoris***

Skont l-**artikolu 747 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sub-artikolu** (1) "*Il-valur inċert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni*

---

[3] Xhieda rapportata a fol. 53 *et.seq.* tal-process.
[4] Affidavit a fol. 45 tal-process.
[5] Fol. 69 tal-process.

*limitata." u fis-sub-artikolu (2) il-legislatur jiddisponi li: "Jitqiesu dejjem bħala li għandhom valur li ma jistax jiġi determinat (inter alia)*

*(ċ) il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba tal-attur, u lanqas ma jista' jiġi determinat bil-mod imsemmi fl-artikoli li ġejjin."*

***L-artikolu 748 jghid** "Il-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba-*

*(a) meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata;*

*(b) meta t-talba hija għall-ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f'xi kitba oħra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulħadd, jew bil-prezz kurrenti."*

Ma hemm ebda valur stabbilit fic-citazzjoni u f'dan il-kuntest jinghad li l-kawza attrici ghandha fl-ahjar ipotezi valur incert u indeterminat, u dan ghaliex il-valur tal-hsarat ma johrogx la mit-talba attrici u lanqas mill-artikoli tal-istess Kodici li jiddetrminaw il-valur tal-istess talbiet. Ghalhekk skont l-**artikolu 747 tal-Kap. 12** tali kawza hija fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

Illi dan gie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Joseph Vella vs Joseph Lautier"** (A.C. – 3 ta' Dicembru 2004) fejn inghad li:-

*"Il-kompetenza 'rationae valoris' tiddependi mill-att ta' citazzjoni. Ghalhekk meta c-citazzjoni tikkontjeni talba li taqa' fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, dik il-Qorti xorta tibqa' kompetenti anke jekk jigi likwidat ammont li jkun barra mill-margni tal-kompetenza tal-Qorti".*

Illi dan l-insenjament gie segwit mill-gurisprudenza nostrali nkluza dik fil-kawza fl-ismijiet **"Giuseppi Gatt vs Carmelo Mifsud"** (A.C. – 4 ta' Novembru 1963, dik fl-ismijiet **"Joseph Psaila et vs Joseph Cutajar et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008 u wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **"World Marketing Limited vs Information Technology**

**Services Limited"** (P.A. (JRM) – 1 ta' April 2003) u **"Joseph Psaila et vs Joseph Cutajar et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008).

Il-konvenut isostni li meta l-ammont pretiz ikun tali li il-valur jista' jigi facilment determinat minn qabel ma tigi pprezentata l-kawza, u mill-ammont li jista' hekk jigi determinat jirrizulta illi l-kompetenza hija ta' Qorti inferjuri, allura l-attur irid jipprocedi quddiem dik il-Qorti. Izda dan ma jirrizultax mid-disposizzjonijiet tal-Ligi fuq citati. Fil-fatt, minn qari tas-sentenza mill-konvenut fl-ismijiet "***Giuseppe Gatt v Carmelo Mifsud" - App.Civ.*** *(Deciz. fl-4 ta' Novembru 1963),* jirrizulta li l-Qorti ma svestietx ruhha mill-kompetenza, izda qalet li, konsiderando il-valur wisq hafif f'dik il-kawza, u li mhux ghalhekk presumibbli li l-attur lanqas seta' ikun jaf li l-valur tad-danni ma kienx ser jaqbez il-kompetenza tal-Qorti ta' gurisdizzjoni limitata, "*ghamlet sewwa l-ewwel Qorti meta ordnat illi mis-somma ta' dawn l-ispejjez kagonati bl-imsemmi agir tal-konvenut, l-attur ihallas biss dik il-parti li tikkorrispondi ghall-ispiza li kien isofri kieku l-kawza saret kif imissa saret, quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni limitata, u l-eccess ibaghtih l-attur.*"[6]

Fil-kaz odjern, jirrizulta mill-istima tal-Perit imqabbad mill-attur noe, Perit Norbert Gatt, datat is-16 ta' Frar 2005,[7] li d-danni jammontaw ghall-Lm55.46 eskluz il-katusa li tisporgi fuq in-nofs tal-hajt divizorju skont il-konkluzjoni peritali. Din l-istima giet accettata mill-Perit Tekniku. Dan il-Perit kien, fis-7 ta' Lulju 2003, hejja rapport ghall-mandanti tal-attur dwar il-hsarat ikkagunati u hija difficli ghal din il-Qorti temmen li ma kienx gie mitlub jaghti stima, anke informali, tal-ispiza involuta lill-istess mandanti.

L-attur nomine, da parti tieghu, jirrileva li irid jigi ikkonsidrat ix-xoghol li irid isir sabiex il-katusa titressaq u dan isir taht is-sorveljanza ta' perit. Dan hu minnu peress li ma setax jigi determinat jekk il-katusa tisporgi fit-tul

---

[6] Is-sentenza iccitata mill-konvenut fil-kaz "*Mary Oliva v Maria Camilleri" - PA - (On.Im.Edorardo Magri) deciza fis-6 ta' Gunju 1964, hija ukoll fis-sens li ghandu ikun hemm temperament fil-kap tal-ispejjez meta il-valur indeterminat fil-mertu jirrizulta inferjuri ghal dak rikjest biex tigi radikata l-kompetenza tal-Qorti.*

[7] Esebit a fol.38 tal-process

taghha kollha jew ghal distanza iqsar f'kaz li tkun mqabbda ma 'T' jew *bend (ara rapport tal-Perit Tekniku).*

Gustament josserva wkoll li l-ewwel talba attrici hija ta' natura petitorja, u bilfors kellha titressaq quddiem Qorti ta' kompetenza illimitata kif jiddisponi l-**art. 47(3)** tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti taqbel ma' dak issollevat mill-attur *nomine*. L-ewwel talba attrici tirradika l-kompetenza ta' din il-Qorti u anke tenut kont l-osservazzjonijiet tal-konvenut rigward il-kap tal-ispejjez, il-konvenut ma jistax jevita ir-responsabbilita' tieghu ghall-ispejjez ta' kawza quddiem din il-Qorti jekk hu stess invada il-proprjeta ta' haddiehor. Din it-tieni eccezzjoni ghalhekk ser tigi michuda.

## 2) RESPONSABBILTA` GHAD-DANNI

Ikkonsidrat it-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

*Ai termini* tal-**Artikolu 1031 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta, kulhadd ghandu jwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu u persuna hija kkunsidrata li ghandha htija jekk ma tuzax id-diligenza, prudenza u l-attenzjoni ta’ *bonus pater familias* stabbilit bl-Artikolu 1032.

Riferibbilment ghall-katusa, il-konvenut jikkontesta ir-rapport tal-Perit Tekniku peress li l-katusa ghandha wisgha ta’ 4" u ma tistax tisporgi ghal fuq in-nofs tal-hajt jekk dan in-nofs hu wiesgha 4.5". Madanakollu din il-Qorti m'ghandha ebda raguni biex tiddubita mill-Perit Tekniku li ikkonferma, anke in eskussjoni, il-konkluzjonijiet tieghu, li huma rizultat tal-kejl li ghamel l-istess espert.[8]

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis u taghmel bhala taghha l-konkluzjonijiet peritali dedotti mill-Perit Tekniku fir-rapport

---

[8] Vide is-sentenzi fl-ismijiet **Richard Falzon vs Construct Furniture Limited** (Prim’Awla (RCP) deciza fis-7 ta’ Dicembru 2006) u s-sentenzi hemm citati; **John Saliba -vs- Joseph Farrugia,** Appell deciz fit-28 ta' Jannar 2000; **Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud**, Appell, deciz fid-19 ta' Novembru 2001; u **Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et (**Appell Civili deciz fit-23 ta’ Gunju 1967, Vol LI.I.390) - li jittrattaw il-valur probatorju tar-rapport ta' Espert Tekniku.

tieghu kif ukoll l-istima tax-xoghlijiet minnu maghmula **a fol 28 *et. seq.*** tal process.

It-tielet eccezzjoni ghalhekk ser tigi michuda.

***Culpa in Eligendo***

Il-konvenut isostni li peress li qabbad *electrician* licenzjat u x-xoghol sar taht id-direzzjoni ta' perit, allura m'ghandux ikun hu mizmum responsabbli ghall-hsarat peress li ma jirrizultax li kien hemm *culpa in eligendo* minnu komess.

Aparti li in **kontro ezami**, il-konvenut stess stqarr "*jew jiena jew haddiema mqabbdin minni jaghmlu tajjeb ghal dik il-hsara" (*enfazi tal-Qorti)*,* u b'hekk ammetta li kellu jaghmel tajjeb ghad-danni ikkagunati, din il-Qorti ma tistax ma tosservax li ma tressqet ebda prova in sostenn tal-allegat kwalifiki tal-persuni li ghamlu x-xoghlijiet fuq inkarigu tal-konvenut. Kien semma' li kien qabbad lill Perit Colin Zammit biex jissorvelja x-xoghlijiet, izda lanqas ressaq lill-Perit tieghu biex jixhed dwar il-kaz, kif lanqas ftakar bil-precizjoni l-ismijiet tal-haddiema tieghu. Din il-karenza probattiva tikkostitwixxi nuqqas lampanti fil-kaz tal-konvenut. L-*onere* tal-prova tinkombi fuqu gjaladarba issolleva l-eccezzjoni fuq premessa, liema piz ma giex soddisfatt kif trid il-Ligi.

Fl-ahhar eccezzjoni tieghu l-konvenut jghid li kien offra li jhallas il-madum tal-attrici u hi rrifjutat. Izda kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet u anke sforzi ta' transazzjoni waqt il-proceduri u xorta l-hsarat baqghu ma gewx rimedjati.

Ghaldaqstant anke r-raba' u l-hames eccezzjonijiet ser jigu michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenut; t**ilqa'** t-talbiet attrici billi:

1. **Tiddikjara** li x-xoghlijiet *ossia* d-*drains* mertu ta' din il-kawza gew imdahhla fil-hajt tal-appogg bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti u jinsabu mrikkbin ghal fuq in-nofs tal-proprjeta' attrici u *cioe'* l-fond bin-numru 18, fi Triq Curate Calleja, Mosta bi vjolazzjoni tal-ligi.

2. **Tiddikjara** li x-xoghlijiet li saru fil-hajt divizorju msemmi kkagunaw danni lill-istess attrici peress li ma sarux skont is-sengha.

3. **Tikkundann**a lill-konvenut sabiex fi zmien perentorju ta' xahar millum jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex il-katusa mertu ta' din il-kawza, titressaq sabiex ma tirkibx fuq in-naha ta' nofs il-hajt divizorju in kwistjoni tal-attrici u dan taht is-sorveljanza tal-Perit Edgar Caruana Montaldo li l-Qorti qed tinnominah ghal dan l-iskop, u fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur *nomine* sabiex jaghmel ix-xoghlijiet kollha necessarji taht id-direzzjoni tal-imsemmi Perit Edgar Caruana Montaldo, u dan kollu a spejjez tal-konvenut.

4. **Tikkundanna** lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta' €129.18 in linja ta' danni bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------